Verżjoni Elettronika

A.L. 379 tal-2024

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att kontra *Money Laundering*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi waqt li jaġixxi bil-parir tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 373.01.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti tal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (riformulazzjoni).

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-30 ta' Diċembru 2024.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) it-tifsira "attività kriminali" għandha tiġi mħassra;

(ii) il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "awtorità kompetenti" għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana;";

(iii) it-tifsira "Awtoritajiet Superviżorji Ewropej" għandha tiġi mħassra;

(iv) fit-tifsira "flus elettroniċi" il-kliem "Finanzjarji

Verżjoni Elettronika

u teskludi valur monetarju" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Finanzjarji, inklużi tokens tal-flus elettroniċi, iżda teskludi valur monetarju";

(v) minnufih wara t-tifsira "flus elettroniċi", kif emendata, għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"fornitur ta' servizzi ta' kriptoassi" tfisser fornitur ta' servizzi ta' kriptoassi kif imfisser fil-punt (15) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114, meta jkun qiegħed iwettaq servizz wieħed jew aktar servizzi ta' kriptoassi kif imfisser fil-punt (16) tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmi Regolament, ħlief il-forniment ta' pariri fuq kriptoassi kif imsemmi fil-punt (16)(h) tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmi Regolament u ħlief meta jaqgħu fi ħdan il-kategoriji elenkati fl-Artikolu 2(2) tal-imsemmi Regolament:

Iżda kwalunkwe persuna li tkun qiegħda tipprovdi kwalunkwe wieħed mis-servizzi ta' kriptoassi msemmija hawn qabel mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2023/1114, meta kellha tkun hekk awtorizzata, għandha titqies l-istess bħala fornitur ta' servizzi ta' kriptoassi għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Kap. 590.

Iżda wkoll kwalunkwe persuna li fit-30 ta' Diċembru 2024 tkun liċenzjata taħt l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali sabiex tipprovdi wieħed jew iktar mis-servizzi elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab mal-imsemmi Att u tibbenefika minn kwalunkwe perjodu tranżitorju permess għal awtorizzazzjoni li tingħata taħt ir-Regolament (UE) 2023/1114, għandha titqies ukoll bħala fornitur ta' servizzi ta' kriptoassi għat-tul ta' żmien tal-imsemmi perjodu tranżitorju;";

(vi) minnufih wara t-tifsira "grupp" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "indirizz awtoospitat" tfisser indirizz awtoospitat kif imfisser fil-punt (20) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta'

Verżjoni Elettronika

fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (riformulazzjoni);";

(vii) minnufih wara t-tifsira "korp ta' tmexxija" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kriptoassi" tfisser kriptoassi kif imfisser fil-punt (5) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114, ħlief meta jaqgħu fi ħdan il-kategoriji elenkati fl-Artikolu 2(3) u (4) tal-imsemmi Regolament jew meta jikkwalifikaw mod ieħor bħala karti tal-flus, muniti, flus skritturali jew flus elettroniċi;"

(viii) it-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti" għandha tiġi emendata kif ġej:

- il-paragrafu (l) tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(l) l-attività ta' fornitur ta' servizzi ta' kriptoassi;";

- il-paragrafu (m) tagħha għandu jiġi mħassar;

- il-paragrafu (n) tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(n) il-ħruġ ta' tokens tal-flus elettroniċi għall-offerta lill-pubbliku kif previst taħt it-Titolu IV tar-Regolament (UE) 2023/1114;";

(ix) it-tifsira "*money laundering*" għandha tiġi mħassra;

(x) it-tifsira "operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien" għandha tiġi emendata kif ġej:

- fil-paragrafu (b) tagħha l-kliem "Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849

Verżjoni Elettronika

(riformulazzjoni)";

- il-paragrafu (f) tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) operazzjoni, indipendentement mill-ammont involut, imwettqa minn persuna suġġetta li l-attivitajiet tagħha jkunu dawk imsemmijin fil-paragrafi (l) u (n) tat-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti", inkluż meta dawn l-attivitajiet jitwettqu kif stabbilit fil-paragrafu (o) tat-tifsira hawn qabel insemmija;"; u

- il-paragrafu (g) tagħha għandu jiġi mħassar;

(xi) it-tifsira "persuna suġġetta" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna suġġetta" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, kif ukoll kwalunkwe korp jew għaqda ta' persuni oħra, li jkunu qegħdin iwettqu kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti;";

(xii) il-paragrafu (b) tat-tifsira "provdituri ta' servizz lil *trusts* u kumpanniji" għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) taġixxi bħala fornitur ta' servizz lil kumpanija, kemm jekk reġistrata jew awtorizzata, jew meħtieġa li tkun reġistrata jew awtorizzata, skont l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, inkluż kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika msemmija fil-paragrafu (a) li taġixxi bħala fornitur ta' servizz lil kumpanija, kemm jekk notifikata jew meħtieġa li tiġi notifikata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji;";

Kap. 529.

(xiii) minnufih wara t-tifsira "provdituri ta' servizz lil

Verżjoni Elettronika

trusts u kumpanniji", kif emendata, għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament (UE) 2023/1114" tfisser ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937;";

(xiv) fil-paragrafu (b) tat-tifsira "relazzjoni ta' korrispondenza" minnufih wara l-kliem "transazzjonijiet ta' titoli jew trasferimenti ta' fondi" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "jew relazzjonijiet stabbiliti għal transazzjonijiet fi kriptoassi jew trasferimenti ta' kriptoassi";

(xv) it-tifsira "Stat Membru" għandha tiġi mħassra;

(xvi) minnufih wara t-tifsira "terroriżmu" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "token tal-flus elettroniċi" tfisser tip ta' kriptoassi kif imfisser fil-punt (7) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114;";

(xvii) it-tifsira "VFA" għandha tiġi mħassra; u

(xviii) fit-tifsira "Xogħol tal-Arti" il-kliem "Xogħol tal-Arti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "xogħol tal-arti";

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(1a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att."; u

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

Verżjoni Elettronika

subregolament ġdid li ġej:

"(3) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, flimkien mal-awtorità sorveljanti rilevanti, jista' jeħtieġ li l-entitajiet li joħorġu flus elettroniċi, jew li jipprovdu servizzi ta' pagament, jew jikkwalifikaw bħala fornituri ta' servizzi ta' kriptoassi, u li:

(a) jkollhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fi Stat Membru ieħor; u

(b) jkunu stabbiliti f'Malta f'forom oħra li mhumiex fergħa,

biex jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali f'Malta sabiex jiżguraw, f'isem l-entità li taħtarhom, konformità ma' dawn ir-regolamenti u li jiffaċilitaw il-monitoraġġ ta' tali konformità, inkluż billi jipprovdu lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u lill-awtoritajiet sorveljanti bl-informazzjoni u dokumenti meta mitluba.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "jinżammu aġġornati:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jinżammu aġġornati."; u

(ii) il-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) is-subregolament (11) tiegħu għandu jiġi sostitwit

Verżjoni Elettronika

bis-subregolament ġdid li ġej:

"(11) Bla ħsara għal kwalunkwe obbligu addizzjonali taħt ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/ Kap. 365. 849 (riformulazzjoni), jew taħt l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, persuni suġġetti li jkunu qegħdin iwettqu kummerċ finanzjarju rilevanti li jinvolvi t-trasferiment ta' fondi jew it-trasferiment ta' kriptoassi kif imfisser skont l-imsemmi Regolament għandhom josservaw il-Kapitoli II, III u V tal-imsemmi Regolament.".

4. Fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "tal-Att dwar il-Logħob" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula jew direttivi maħruġa taħtu". Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(3a) Fejn relazzjoni ta' korrispondenza kif imsemmija fis-subregolament (3) tinvolvi l-eżekuzzjoni ta' servizzi ta' kriptoassi kif imfisser fil-punt (16) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114, ħlief tal-punt (h) ta' tali punt, ma' istituzzjoni rispondenti minn pajjiż għajr Stat Membru li jkun qiegħed jipprovdi servizzi simili, inkluż it-trasferiment ta' kriptoassi, il-fornitur ta' servizzi ta' kriptoassi għandu:

(a) iwettaq il-miżuri msemmija fis-subregolament (3), b'referenza għall-"kontijiet payable-through" fil-paragrafu (e) tal-imsemmi subregolament sabiex jinqraw bħala referenza għal "kontijiet ta' kriptoassi payable-through";

(b) jiddetermina jekk l-istituzzjoni rispondenti hijiex liċenzjata jew reġistrata;

Verżjoni Elettronika

(ċ) jiddokumenta r-raġunijiet għat-terminazzjoni ta' kwalunkwe tali relazzjoni fejn dan ikun attribwibbli għal raġunijiet relatati mal-ġlieda kontra l-money laundering jew mal-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu; u

(d) bla ħsara għall-ġeneralità tal-obbligi li joħorġu minn dispożizzjonijiet oħra ta' dawn ir-regolamenti:

(i) iqis kwalunkwe informazzjoni miksuba permezz tat-twettiq tal-miżuri msemmija hawn qabel sabiex jimplimenta miżuri xierqa sabiex jitnaqqsu r-riskji assoċjati mal-istituzzjoni rispondenti; u

(ii) jaġġorna kwalunkwe informazzjoni miksuba permezz tat-twettiq tal-miżuri msemmija hawn qabel fuq bażi regolari jew meta jitfaċċaw riskji ġodda fir-rigward tal-istituzzjoni rispondenti."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(4a) Fornituri ta' servizzi ta' kriptoassi għandhom jiżguraw li l-proċeduri dwar il-ġestjoni ta' riskju li jkunu fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5(5)(a) jwasslu għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji ta' money laundering u, jew tal-iffinanzjar tat-terroriżmu assoċjati ma' trasferimenti ta' kriptoassi lejn, jew li joriġinaw minn indirizz awtoospitat, sabiex kwalunkwe tali fornitur ta' servizzi ta' kriptoassi japplika l-miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu r-riskji identifikati inkluż wieħed jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

(a) it-teħid ta' miżuri bbażati fuq ir-riskju sabiex jiġi identifikat, u tiġi verifikata l-identità ta', oriġinatur jew il-benefiċjarju ta' trasferiment magħmul lil, jew minn indirizz awtoospitat jew is-sid benefiċjarju ta' tali oriġinatur jew benefiċjarju, inkluż permezz ta' dipendenza fuq terzi;

Verżjoni Elettronika

(b) il-ħtieġa ta' informazzjoni addizzjonali dwar l-oriġini u d-destinazzjoni tal-kriptoassi ttrasferiti;

(ċ) it-twettiq ta' monitoraġġ kontinwu msaħħaħ ta' dawk it-transazzjonijiet; u

(d) kwalunkwe miżuri oħra sabiex jitnaqqsu u jiġu ġestiti r-riskji ta' money laundering u finanzjar ta' terroriżmu.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

6. Is-subregolament (2) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "ħlief kummerċ li jissemma' fil-paragrafi (l), (m) u (n) tat-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti" " għandhom jitħassru; u

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "minbarra kummerċ imsemmi fil-paragrafi (l), (m) u (n) taħt it-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti" " għandhom jitħassru.

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fil-verzjoni bl-Ingliż biss, fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subregolament (4) tar-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali l-kelma "systemic" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "systematic".